*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 40**

**It-Tnejn 16 t'Awwissu 2022.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) minħabba it-tixrid tal-Covid 19 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri – Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Ryan Portelli- Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**40.1** ***<u>Qari t'aploġija:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien hemm ittri t'apoloġija tal-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri fejn jaf jidħol aktar tard u l-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon kif ukoll il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli.

**40.2.1** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 39 li saret Nhar it-Tnejn 25 ta' Lulju 2022:</u>***

**40.2.1.1 Il-minuti ġew unanimament approvati mingħajr emendi u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Il-Kunsillier il-Perit John Schembri ppropona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif emendati bħala dokument korrett u ssekonda il-Kunsillier Dr Errol Cutajjar. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

**40.2.2** ***<u>Matters Arising tal-laqgħa 39 li saret nhar it-Tnejn 25 ta' Lulju 2022.</u>***

**40.2.2.1** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 2 artiklu 39.2.2.1 fuq il-parkeġġ tal-iskola wasalna fil-final u jonqosna garanzija bankarja wara jiġi iffirmat il-Memorandum of Understanding imbgħad isiru it-tabelli.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi t-tabelli huma importanti ħafna.

Kien hemm qbil li nitkellmu mall-Koptasin fuq liem tabelli ħa jsiru.

**40.2.2.2** Is-Sindku tkellem fuq paġna 2 paragrafu 39.2.2.3 hu qal illi l-belishia light tresqet min fejn kienet u xtaq isaqsi lill Kunsillier is Sur John B Camilleri hux qed tiffunzjona.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi qed jaħdmu fuqha.

**40.2.2.3** Is-Sindku tkellem fuq paġna 2 paragrafu 39.2.2.4 is-Sindku qal illi min ġie l-Kunsill jista jinnota illi tħafret it-toqba sabiex isir l-arblu tal-bandiera li nxtrat mill-Kazin tal-Banda Sant'Anna qed issir struttura tal-ħadid ukoll biex l-arblu jiġi bil-hinges biex ma jkollnix problema meta niġu għal manutenzjoni.

**40.2.2.4** Is-Sindku tkellem fuq paġna 3 paragrafu 39.3.14 rigward ic CCTV cameras ta San Tumas hu ltaqa mall-persuna li tieħu ħsieb il-cameras fejn ħa jsiru zewġ cameras li ġew sponsored mill-Onor is-Sur Ray Abela. Waħda ser issir fit-tard qabel il-kamra tal-cleaners u l-oħra aktar il-fuq faċċata tal-kmamar u dawn ser jiffukaw fuq l-iskips biex jekk ikun hemm abbuz nkunu nistgħu nitraċċawh.

- **Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon daħlet 18:47**

**40.2.5** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri xtaq jistaqsi fuq paġna 3 artiklu 39.3.1 għaliex jidher li kien hemm problema bir-residenti sabiex jidħlu u joħorġu mit-triq fil-ħinijiet tal-iskola u staqsa jekk din il-problema issolvitx.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi rigward din il-problema għadha ma saritx il-laqgħa mal-LESA għaliex qed jgħidu li jekk jitħallew it-tabelli kif inhuma mhux ser jintbgħatu uffiċjali tal- komunita' għaliex huma ma jaqblux li r-residenti jistgħu jidħlu fil-ħinijiet tal-ftugħ u għeluq tal-iskola anke jekk tkun emerġenza u ma tantx hemm lok ta kif targumenta magħhom u fl-istess ħin hu ma jħossx li l-Kunsill għandu jerfgħa din ir-responsabilita li ma jkollnix uffiċjali prezenti għalhekk trid issir laqgħa forsi jintlaħaq kompromess.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech  qal illi hu tkellem mal-LESA u infurmawh li t-tabelli jistgħu jibqgħu pero trid titneħħa l-parti li tgħid ''Exept for residents'' għaliex jidher li kellhom problema f'lokalita' oħra li kien hemm tifel li ittajjar min resident li kien dieħel fit-triq tiegħu u għalhekk mhux ser jaċċettaw li aħna naħdmu bdak il-mod.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi din hija skola ġdida u għalhekk suppost illi għanda drop off points li qedin kif suppost jekk dan hu l-kaz ma jkunx hemm bzonn ta uffiċjali mill-LESA.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din hija ideja tajba u tajjeb li issir laqgħa mal-Prinċipal kif ukoll l-Perit tal-iskola sabiex niddiskutu dan.

Kien hemm qbil unanimu.

**40.2.6** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 3 artiklu 39.3.4 staqsa jekk ħarġitx id-*default notice* u tajjeb li l-*contracts manager* għandu jagħmel rapport kull xahar kif suppost isir fuq il-knis u qtugħ ta' ħaxix dan huwa responsabilita' tagħna li suppost isir dejjem u m'għaniex nogħodu nitfaw posts fuq il-midja soċjali qisna għamilna xi ħaġa kbira għaliex dan hu xogħol li għandu jsir regolarment.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu jitfa diversi posts biex izomm kemm il-persuna li tkun ilmentat infurmata li x-xogħol sar kif ukoll biex ir-residenti ikunu jafu u mhux naraw biss in-negattiv.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef qal illi l-Contracts Manager rapporti qiegħed jgħamel u min irid fis-seba ta filgħodu ser ikun il-Kunsill u ser jistenna lill kenniesa biex jara liema zona ser inaddaf, hu qal illi xi xahar ilu ittieħdet deċizjoni li erba ħaddiema m'humiex bizejjed u allura grazzi anke għal iskrivana s-Sinjura Lucille Bonniċi irnexxilna naqdu Marsaskala f'erba zoni b'ċirka min 10-12 il-triq kuljum għal erba ħaddiema qegħdin nikkunsidraw li l-promenade kollha li tibqa sejra sa San tumas kull jumejn issir kollha b'ħaddiem wieħed biex din nassiguraw li issir tlett darbiet fil-ġimgħa u dawk it-toroq kollha li kellhom isiru kuljum bis-sistema l-ġdida ser nassiguraw li kull triq trid issir minimament darba f'ġimgħa pero issa irridu naraw jekk l-implimentazzjoni hux issir u għalhekk ser isir qisu testjar fuq il-ħaddiema biex jgħidulna liem ser jgħamlu għaliex irid ikun hemm persuna li tgħamel supervizjoni u tajjeb naraw ukoll li tnejn mill-ħaddiema huma maltin li għandhom vettura u l-oħrajn m'għandhomx għalhekk dawk li għandhom vettura tagħhom ħa jmorru r-ramla u bella vista filwaqt li dawk li m'għandhomx ser imorru fuq il-promenade u t-toroq tal madwar.

**40.2.7** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 4 artiklu 39.3.5 u qal illi fl-aħħar laqgħa ma kienx prezenti pero xtaq jgħid illi jekk il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon għandha bzonn l-għajnuna sabiex titella din l-attivita hu lest li jgħin sabiex din l-attivita' tkun ta suċċess.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon irringrazzjatu u qalet illi hemm bzonn ta għajnuna.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu kellu laqgħa mall-Kunsill Reġjonali u huma ofrew li jgħatu €1500 biex tintuza l-banda waqt din l-attivita'.

**40.2.8** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 5 artiklu 39.3.7 hu qal illi jappoġġa din l-inizjattiva u nistgħu ninbarkaw fuq aktar *clean ups* għaliex għandna ħafna x'ngħamlu u hu anke f'din lest li jgħin.

Il-Viċi Sindku Janice Falzon qalet illi  iddispjaċija li l-Kunsilliera ma kienux involuti fil-clean up li saret fl-inwadar.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu kien hemm peresli hu parti mill bord mhux bħala Sindku.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi meta tellaw ir-ritratt tas-Sindku inaddaf l-inwadar irreferew għalih bħala s-Sindku u mhux membru tal-bord u hi kull ma xtaqet kien li huma jkunu involuti ukoll.

**40.2.9** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 5 artiklu 39.3.12 rigward il-polza u xi tkopri.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dik kienet insurance oħra biex jekk xi ħadd mill-Kunsilliera jiġi nieqes il-familja jieħdu kumpens.

**40.2.10** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq 39.7.12 staqsa jekk l-event saritx, u jekk saret il-Kunsill daħħalx id-donazzjoni li kellha tingħata għaliex hu kien għamel mozzjoni ftit tax-xhur ilu biex jekk inġibu donazzjonijiet nistgħu ngħadduwhom lit-tfal ta San Ġwann Bosco.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qed jgħid illi d-donazzjonijiet li nirċievu flok ituwhom lilna jgħatuhom direttament lil xi għaqda li tiddeċidu fuqha.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi meta kellna donazzjoni fi zmien l-għid uzajniha biex saret l-attivita' u ma jsibx oġġezzjoni li ngħaddu d-donazzjonijiet il min jitlob l-għajnuna tagħna.

**40.2.11** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 9 artiklu 39.9.4 ried jara jekk din is-sistema bditx taħdem u jekk bdit taħdem u l min iridu jgħaddu l-informazzjoni li jixtiequ jtellaw huma.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jistgħu jgħadduhom lill-iskrivani s-Sinjorina Chantel u s-Sinjura Rebecca.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi wara l-ħinijiet tal-uffiċju min jibgħat messaġġ qed jirċivi messaġ awtomatiku li ser nirrisponduwhom fil-ħin li l-uffiċini jkunu miftuħin.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi min naħa tiegħu ukoll bgħat email lill Kunsilliera biex dawk li huma interessati ser niktbu n-numru tagħhom personali fuq in-notice boards biex min jixtieq ikellem lilhom personali jistgħu jgħamlu dan, bħala Kunsill nifhem li r-risposti jingħataw biss fil-ħinijiet tal-uffiċini pero jekk xi ħadd ikollu bzonn xi ħaġa barra dawn il-ħinijiet jistgħu jsib lilna personali.

Kien hemm qbil unanimu.

**40.2.12** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 3 artiklu 39.2.2.5 u qal illi vera li saret il bankina pero l-hording għadu provisorju.

Is -Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ser isir ir-railing min naħa tagħhom.

**40.2.13** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa jekk hux qed jintbgħatu d default notices fuq il-ġardinari għaliex għamilna xahrejn bla ġardinar.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-ewwel net mhux xaharejn u wieħed mill-ġardinara baqa jsaqqi xorta.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grechj qal illi l-punt li qed isemmi l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud hu validu għaliex fil-kuntratt tal gonna hemm stipulat illi l-kuntrattur kellu jindikalna l-ġardinar li ħa juza u l-kwalifiki tiegħu.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li importanti li l-ġardinar ikun jaf x'inhu jgħamel biex ma terġgħax issir xi buzulotta bħal ma saret meta nqatgħu t-tamarisk b'dak il-mod.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fil-lista tal-ħaddiema kellu jitfa l-isem tal-ġardinar u min dak iz-zmien imbidel min naħa tiegħu hu jrid jinfurmana li l-ġardinar tiegħu mgħadux jaħdem u jindikalna l-persuna li ser ikun hemm minfloku u l-idejali jkun li l-ġardinar li kellna jqatta ftit ġimgħat mal-ġardinar il-ġdid sabiex itih handover tax-xogħol li jrid isir.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jifhem li l-ġardinar kellu jitlaq pero għandna ħafna qsari mall-ġonna u l-promenade li għandhom bzonn jinqatgħu.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi il-qsari li kellom jitħawwlu bdew jitħħawlu illum u ser ikomplu għada għaliex ġibdilhom l-attenzjoni tiegħu.

**40.3** ***Komunikazzjoni mis-Sindku:***

**40.3.1 Proġett Ġnien San Tumas:**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill applika u kwalifikajna għal €47,000 min naħa tal LESA għadna għaddejin bil-preparazzjoni tat-tender u irċivejna l-istima aġġornata min naħa tal-perit u l-istandards mill *Malta Standars Authority* jeħtieġu l-*critical fall height* u jekk ser tgħamel apparat fejn l-individwu jista jaqa aktar min metru għoli trid tgħamel standard ta’ rubber matting u saru aktar esiġenti u biex inwaħħlu l-apparat tal-gym ser ikunu fissi biex il-bzonn tal-manutenzjoni tkun minima pero ser ikollna nkissru l-bazi tal art imbaxxu u nagħmlu rubber matting aktar oħxon u hu staqsa lil perit biex inħallu l-kokos kif ikun u ngħamlu rubber matting iħxen u ngħamlu rampa barra pero dik hija sistema antika u m’għadiex issir, b’hekk l-istima l-ġdida telat għal €108,000 meta tanalizza il-BOQ’s l-appartat ġej jiswa aktar min €20,000 pero biex isir *rubber matting* iħxen u tiġi skavata l-art ser titla għal €65000.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Patick Camilleri daħal fis-19:34***

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi meta tapplika għal dawn il-proġetti tkun marbut bid-deadlines u biex ikompli fuq il-proġett tal-lesa ser jgħamel zewġ soft areas fejn hemm playing equipment li jista jinbidel u minflok nonfqu €108,000 tiġina €54,000 fejn €47,000 jiġu mill-iskema. Jekk hemm xi fondi oħra għandna it-*technical details* lesti u nistgħu napplikaw għalihom min ximkien ieħor.

Kien hemm qbil li jsiru zewġ postijiet oħra minflok Gnien San Tumas.

**40.3.2 Zebra crossing (35/3243/22/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi s-Sur Brincat jixtieq li issir zebra crossing fi Triq tal-Gardiel u issuġerixxa li jsiru tlett zebra crossings fl-akwata ta Triq tal-Gardiel.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi waħda min triq tal-magħluq għal ħdejn l-eks *Beluga* u oħra mill-eks *Beluga* għal ħanut *Waterline* jaħseb li ma jaċċetawix għaliex qeda f’nizla li meta tiġi karozza u jekk jafas il-break u jiskidja tkun ta periklu għalhekk kienu tawna li nimplimentaw oħra aktar il-fuq.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi f’dik il-biċċa ta ħdejn il-*Waterline* issib ħafna nies jaqsmu.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi xorta napplikaw għaliha mbad naraw xi tkun id-deċizzjoni ta’ TM u ftit iktar il-fuq ħdejn Grabiel hemm it-traffic lights.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm naqra mixja min ħdejn il-ħanut Grabiel għal ħdejn l-eks Beluga.

Kien hemm decizjoni li napplikaw għaz zebra crossings kollha umbgħad nimxu mad-deċizzjoni ta’ TM.

**40.3.3 Laqgħa mal-izviluppaturi tal-Ex Jerma:**

Is-Segretarju ezekuttiv qal illi kellhom laqgħa f'Lulju mal-izviluppaturi tal-eks Jerma u d-*Development brief* din id-darba sar min naħa tal-PA fejn il-proġett ġie *down sized* ħafna aktar min dak li konna approvajna ċirka erba snin ilu meta stedinna anke l-izviluppaturi sabiex jgħatu demostrazzjoni lir-residenti. Dan il-proġett l-aktar li ser jisħaq hu fuq l-foreshore fejn ser tibqa aċċessibli għal pubbliku, ser ikun hemm pjazza għal pubbliku li ser jieħdu ħsieba huma. It-Torri San Tumas ser jibqa jidher mill-baħar u bħala sulari meta approvajnih snin ilu kien tlettax-il sular u issa qed nitkellmu fuq tmin sulari fejn it-tlett sulari ta' fuq ser ikunu receded.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar staqsa jekk hux ser jitmissu it-toroq tal-madwar.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi d-development brief iddetermina li it-traffiku jgħaddi mad-dawra tal-Jerma u t-triq ta' quddiem il-Jerma li kienet u għadha pubblika ser titneħħa. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi waħda mill affarijiet li saru kienu li ħa jkun em 60% tal-bini li ser jintuza għal lukanda u 40% ser ikunu appartamenti residenzjali imma waħda mill affarijit li hemm pozittivi hija li l-lukanda mhux ser ikollha *conference facilities* allura ma tantx ser tattira *coaches* kbar u huma ser ikollhom *loading bay* ta coach waħda, l-unika ħaġa li jispera hi li t-triq ta' madwar it-torri hi wiesgħa bizzejjed sabiex coach tkun tista iddur.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri xtaq jistaqsa dwar il-parkeġġ li fih zewġ sulari u jekk hux ser ikun hemm uzu għal nies li jixtiequ juzawh bil-flus jew mhux ser ikun aċċessibli għal kulħadd.

Dr Errol qal illi hu jaħseb li bħala parkeġġ ikun parti iddedikat għar-residenti li jkunu xtrawh u l-parti l-oħra bi ħlas għal min jixtieq li juzah.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa għaliex fil-minuti hemm imnizzel li l-karozzi li bħalissa ġejjin min ħdejn il-lattrina fuq il-minuti hawn miktub li ser jgħaddu mad-dawra tal-Jerma.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi mnizzla ħazin fuq il-minuti għaliex rid jgħid li ser iduru mat-torri la darba it-triq ta' quddiem il-Jerma ser titneħħa.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi t-torri ser jiġi roundabout u staqsa jekk it-talba li kien għamel il-Kunsill li jsir *tunnel* ġitx injorata.

Is-Segretarju Ezeuttiv is-Sur Josef Grech qal illi ma ssemiet pero' mxew mal-guidlines tad-Development Brief.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dik it-triq dejqa wisq biex jgħaddi t-traffiku min hemm anke għal tal-linja ser tkun diffiċli u staqsa jekk għandiex xi pjanti.

Is-Segretarju Ezekeuttiv is-Sur Josef Grech qal illi ma ħallewx pjanti fil-Kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega kif it-triq ta' quddiem il-Jerma kienet dejjem privata li kienet saret min naħa tal-izviluppaturi .

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dak x'qed jgħidu huma.

Dr Errol Cutajar qal illi din baqgħet *privately owned* imma ġiet għal uzu tal-pubbliku pero l-Kuntrattur jista japplika biex min triq jgħamel xi ħaġa oħra u jekk il-PA taċċetta dan jista jgħamila u joħoda lura għal uzu privat. Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar staqsa jekk id-*devlopment brief* jippermettix li dik il-biċċa ma tibqax aktar triq.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-pjazza sabiħa pero li tieħu triq min hemm mhux l-idejali.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi f'dan il-punt nistgħu nqajjmu l-mistoqsijiet tagħna.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi meta hu staqsijhom alxix kienet daqshekk importanti li titneħħa it-triq huma qalu li ser taffetwalhom il-parkeġġ ta taħt u it-triq kienet ser tidividilhom il-pjazza għaliex il-pjazza ser tibqa għaddejja sħiħa sa t-torri u huma ser jgħamlu l-area kollha parti mill-proġett. Infatti waħda mir-raġunijiet għalxiex mhux ser isiru *conference facilities* hija li minhabba li ħa jħafru taħt strutturalment fuq ma jistgħux iħallu postijiet daqshekk kbar.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dik it-triq dejjem kienet privata li qed jisuġerixxu hu li biex jirbħu pjazza kbira kif tasal ħdejn il-latrina iduru fuq il-lemin jerġgħu jinzlu fuq ix-xellug fejn ħa issir loading bay għal coach waħda u jibqaw sejrin għal Triq ir-Ridott ,it-triq tista titwessa biex jgħaddu l-vetturi aħjar.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi nistgħu nitolbu li l-Planning gain tkopri il-bankina wiesgħa tiċkien biex hemmhekk it-triq issir two way.

Is-Sindku qal illi hu tajjeb li min ma attendix għal laqgħa jkollu l-vizwali li raw huma fil-laqgħa u jħoss li m'għaniex imorru kontra dan il-proġett għal darb oħra għaliex jħoss li dan ser jgħati facelift kbira lil lokal.

- ***Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud ħarġet fit-20:21***

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk kif qed jgħid is-Sindku li ser tingħata facelift hux ser jirranġaw il-promenade.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi le pero iridu ikun hemm embellishment bilfors.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi fil-proġett tagħhom jinkorporaw ukoll illi l-latrina li hemm ħdejn il-Jerma dik ikisruwa u tiġi taħt it-triq minflok fuq il-promenade u ser issir min naħa tagħhom.

Sindku qal illi semmew ukoll li l-isem ser jibqa Jerma.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-aktar affarijiet importanti huma li il-foreshore, il-pjazza u l-belveder ħa jkun qed jidgawda min kulħadd. Il-Kunsill ma kellu l-ebda oġġezzjoni għal dan il-proġett kif propost.

**40.3.4** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi saret laqgħa mas-Sinjura Muscat għaliex ser issir bike ride b'konessjioni mall-Pink October il-ħadd 9 ta' Ottubru ser jiltaqaw il-bikers ħdejn il pixxina u ser tingħalaq it-triq ħdejn id-divemed li ser jieħdu ħsieba l-Pulizija u TM fit-8:30am u jitilqgħu min hawn għal ħabta tal-10:30am.

**40.3.5** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ser ningħataw €1,500 għal Milied mill-Kunsill Reġjonali u nistgħu ninkorporawhom mall-proġett tal-*christmas village*.

**40.3.6** Is-Sindku qal illi ikuntatjawh min naħa ta' din l-art helwa u qalulu illi ser jieħdu ħsib ir-restawr tat-torri.

**40.3.7** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ltaqa ma BCRS fuq id-dispencers tar-riċiklaġġ tal-plastik u fil- budget ser toħroġ li jistgħu jibdew jitwaħħlu ser ikollna waħda fuq ic-central strip f'San Tumas u l-oħra ser titwaħħal minflok il-clothes bins li ser tiġi relokata u b'hekk miegħu ikun hemm ukoll il-bins l-oħra tas-separazzjoni għaliex dan id-dispencer ma jieħux affarijit kbar u għalhekk hekk ikun hemm anke bins, kompla jgħid illi huwa ukoll post mhux imwarrab biex nevitaw l-abbuzi.

**40.3.8** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jixtieq li jsir pressjoni mal kuntrattur sabiex jitwaħħal id-dawl mall-monument tal-inkluzjoni għaliex ix-xogħol għadu ma bediex.

**40.3.9** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri rigward il-fanali miksurin li hemm fi Ġnien Sant Anna rnexxielu jsib u ser jinbiddlu rigward li hemm miksurin ser jiġu l-parts sabiex jiġu irranġati.

**40.3.10** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fuq il-lampi ta' San Tumas dawn ser jaslu l-parts u jiġu rranġati.

**40.3.11** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi d-dawl ornamentali illi sar bil-UIF f'diversi toroq dawk juzaw lampi SON u qed isiru absolete u qed ikunu expensive ħafna u s-Sur Joe Borġ tan-Nexos jissuġerixxi li jinbidlu għal LEDs u jisuperixxi illi meta jkun hemm bzonn li tinbidel bozza ngħamluha LED.

**40.4** <u>**Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:**</u>

Ma kien hemm l-ebda tweġiba.

**40.5** <u>**Rapporti:**</u>

<u>Ma kienx hemm rapporti.</u>

**40.6** <u>**Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:**</u>

Ma kienx hemm items oħra.

**40.7** <u>**Korrispondenza:**</u>

**40.7.1** <u>**Marsaskala Girl Guides Activity (35/3184/22/I):**</u>

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi s-Sinjura Grech bgħatet it-talba tagħha sabiex issir attivita fis-16 ta' Settembru min naħa tal-grupp Girl Guides fil-Bajja San Tumas fuq is-simenta pero fl-email qed tindika li min ħdejn it-taraġġ sa ħdejn iz-Zion mhux jifhem ezatt fejn qed tindika.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi ser tkellima hi.

Kien hemm qbil illi tingħata permess la darba tikjarifika liema parti għandha bzonn.

**40.7.2** <u>**Stqarrija mill-Ministeru għall-ambjent l-enerġija u l-intrapriza (35/3189/22/I):**</u>

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ser toħroġ skema tal-ambjent enerġija u intrappriza pero għadna għaddejien bit-tender tal-van elettroniku u hemm ħafna proġetti għaddejien bħalissa ma jaħsibx li huwa l-lok li napplikaw anke għal din l-iskema anke biex nieħdu ħsieb il-fondi tal-Kunsill.

Kien hemm qbil.

**40.7.3** <u>**Espressjoni ta' nteress finanzjament Milied 2022 SPI.SCI.8.2022:**</u>

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi din skema li rċivejna f'nofs lulju u ser ikun hawn expression of interest u l-Kunsill kien diġa rebaħ €8000 li ser nuzawhom ukoll pero nixtieqū li jkollna l-approvazzjoni tal-Kunsill skond iċ-ċirkolari ta' din l-iskema fejn hemm ċans li nirbħu l-massimu ta €47000 u hu tkellem diġa mad-dipartiment għaliex meta qed nitkellmu fuq ċifri daqshekk kbar trid toħroġ tender meta tonfoq aktar min €5000.

U ser jjibgħat lid-dipartiment sabiex napplikaw għal *accelerated procedure* għaliex sakemm tipprepara tender li fih ħafna xogħol fejn anke irridu inizlu klawzola li jekk ikun il-maltemp u dan il-Christmas Village ma jkunx jista jsir irridu nkunu koperti.

Iil-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hi ġabet il-quotations li kienu mitluba u l-applikazzjoni hi mimlija bħala dati ser ikunu 16,17,18 ta' Diċembru 2022.

Is-Segretarju Ezekuttiv talab il-Kunsill jekk jaqbilx illi l-Kunsill jieħu sehem fi skema SPI.SCI.8.2022 fejn l-ammont massimu ta' din l-iskema hu ta' €47000 fejn l-iskema tkun qed tkopri 90% tan-nefqa u l-10% iridu jinħarġu mill-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament.

- ***Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon ħarġet mil laqgħa fit-20:26***

**40.8** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:**

**40.8.1** Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi llum rċivejna email min naħa tal-Għaqda tan-Nar fej qed jitolbu ir-rimbors ta' €3,000 għan-nar tal-festa.

Kien hemm qbil unanimu.

**40.8.2** Is-Segretarju Ezekuttiv informa l-Kunsill b'pagamenti li daħlu b'urġenza:

Smart Office Supplies Stationery Inv 164926 €26.67
Inv 164916 €287.63

Tonis Wines and Spirits – Drinks Jum Marsaskala Inv S97130 €630.70– Drinks Jum Marsaskala

Ms Annalise Farrugia – Public convenience 13th June 22 to 12th july 2022 and 13th July 2022 and 12 August 2022 Inv 22.8, 22.7 €3378.18.

**40.8.3** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq pagament 4029 u qal illi l-iskips tal-bring in sites hemm ħafna ħġieġ ta Zonqor, ħdejn il-lattrina u Triq il-Blajjiet hemm ammont kbir ta' ħġieġ imkisser.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi suppost jinġabar għadha.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu rah filgħaxija illum u hu ta' periklu.

Is-Sindku talbu jibgħatlu ir-ritratti ħa jiġbidlu l-attenzjoni.

**40.8.4** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq pagament 4098.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dawn huma inkwatri li kellna fil-Kunsill l-antik li għamilnijhom black and white u dornijhom flimkien ma zewġ inkwatri kbar.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier Dr Errol Cutajjar issekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

**40.9** **Mozzjonijiet:**

40.9.1 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku- s-Sur Mario Calleja (113 – 5/8/22):**

"Wara diversi ilmenti li qed jidħlu fil-Kunsill u anke personali, rigward dawn l-scooters tal-kumpanija bolt li qed jispiċċaw mitluqin fejn ġie ġie u wara bibien in-nies, hemm bżonn illi ngħamlu laqgħa urġenti ma minn huwa responsabbli biex, jew jinqata dan l-aġir immedjatament jew jitneħħew mil-lokal tagħna.''

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-iscooters huma problema nazzjonali inkluz f'Marsaskala u hemm bzonn li niltaqgħu mall-kuntrattur.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-problema hi li ma tistax tirregolarizzhom fejn jiparkjaw u ħafna barra min Malta qed jibanjawhom u għalhekk inkellmu lil TM.

Dr Errol Cutajar qal illi dawn anke jistgħu jweġġawk u għalhekk għandna nagħmlu pressjoni fuq il-Gvern Ċentrali.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dawn kienu ġew b'approvazzjoni tal-Kunsill u anke bil-kundizzjoni li dan il-kuntrattur jgħaddi jiġbor l-iscooters li jkunu mitluqa pero dan mhux isir.

Kien hemm qbil li nkellmu lil TM.

40.10 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss:**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 19 ta' Settembru 2022 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 16 t'Awwissu 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ______________ | ______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |